**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D

Appell Nru. 93/2017

Seduta tas-26 ta' Gunju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Emanuel Żammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Emanuel Żammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 156572(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Awwissu 2015, f'dawn il-Gżejjer u fl-ibħra territorjali tagħhom quddiem il-Ponta tal-Qawra b'opra tal-baħar bin-numru tar-reġistrazzjoni S-18661, bħala l-Kaptan tal-istess opra tal-baħar:

> Zamm jew ħalla abbord il-bastiment tas-sajd ħut li ma kienx mittieħed skont il-liċenzja tas-sajd provduta taħt l-artikolu 13 tal-Kap 425 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, uża bastiment għal-sajd mingħajr reġistrazzjoni u liċenzja maħruġa mid-direttur tas-sajd bi ksur tar-Regolament 3 (a) tal- L.S. 425.07 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> B'hekk rendea ruħek reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġstrati (Malta) bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma tistax jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-15 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Emanuel Żammit ħati tat-tieni akkuża kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundanntu multa ta' €1,200. Ma sabitux ħati tal-ewwel u t-tielet akkuża kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w għaldaqstant illiberatu minnhom.

.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Żammit, ppreżentat fl-24 ta' Frar, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u minflok tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u alternattivament f'każ li din il-Qorti xorta ssib ħtija, tadotta piena iktar miti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti f'dan il-kaz taht il-lenti taghha kellha x-xorti tisma' l-provi mill-gdid u allura minn ezami tal-atti irrizulta illi nhar l-24 ta' Awwissu 2015, il-pulizija kienu qedgħin jagħmlu ronda fuq il-baħar fejn innutaw opra tal-baħar bin-numru serjali S18661 fl-inħawi tal-*fishfarm* tal-Qawra, senjatament 'il ġewwa mill-bagi, li kienet taht il-kmand tal-appellant. Gara izda illi kif l-appellant induna bil-presenza taghhom hu telaq, izda l-pulizija rnexxielhom iwaqqfuħ ftit wara. Meta kellmuħ

qalilhom li kien qed jistad għal kubrit u mhux għat-tonn. Madankollu, meta l-pulizija spezzjonaw l-opra in kwistjoni, innutaw li kien hemm erba' brazzoli kif ukoll *fenders,* u cioe' ghodda tal-bahar uzat ghas-sajd tat-tonn. Rmunkat lejn San Pawl il-Baħar sabiex hemhekk issir spezzjoni minn rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura, Etienne Bugeja, irrizulta li fuq id-dagħjsa kien hemm diversi oġġetti li jintużaw għas-sajd, senjatament żewġ ganċijiet, erba' brazzoli, tank abjad bix-xlief, tank blu b'fender orangjo u lenza, tank iswed u zewg fenders ohra u lenza. Irriżulta ukoll minn stharrig ulterjuri li d-dgħajsa kienet irreġistrata għas-sajd fuq isem certu Hadrian Gatt li skond d-dokumenti eżebiti kellu liċenzja għas-sajd tat-tonn ghal perijodu bejn is-16 ta' Ġunju 2015 u l-14 ta' Ottubru 2015 jew sakemm tintlahaq l-kwota.[1] Licenzja nawtika u licenzja tas-sajd l-appellant ma kellux f'ismu. Sussegwentement inħarġu l-akkużi relattivi kontra l-appellant fejn wara li nstemgħu il-provi hu ħareġ illiberat mill-ewwel imputazzjoni u mill-addebitu tar-reċidiva filwaqt li nstab ħati tat-tieni mputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi u specifikatament tar-regolament 3(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.07. u dan stante illi l-obbligu li tigi irregistrata l-opra tal-bahar fir-Registru tal-Bastimenti tas-Sajd taqa' fuq l-ispalla tas-sid, nolleggatur jew il-kaptan, u allura l-appellant qatt ma seta' jinstab hati ta' dina l-akkuza billi s-sid kien certu Hadrian Gatt u mhux hu.

Illi jibda biex jinghad illi mid-definizzjoni moghtija ta' "kaptan" fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta illi l-kaptan huwa dik il-persuna li jkollu l-kmand jew ikun inkarigat mill-hidma tas-sajd abbord il-bastiment. Illi l-appellant allura ma jistax ighid illi kien ezenti milli jkollu l-licenjza mehtiega biex jistad u ibahhar u dan ghaliex fil-mument li gie intercettat mill-pulizija kien il-persuna li kellu f'idejh il-kmand tad-dghajsa.

[1] Folio 37 tal-atti proċesswali.

Issa r-regolament 3(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.07 jaqra kif ġej:

> **3. (a) Il-bastimenti li min-natura tagħhom jew minn fatturi oħra jagħtu x'jifhem lid-Direttur li l-użu primarju u predominanti tagħhom huwa għas-sajd jistgħu jiġu reġistrati mid-Direttur fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd u, la darba jkunu hekk reġistrati, sabiex ikunu jistgħu hekk jintużaw għandu jkollhom liċenza għaldaqshekk skont id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi.**

Issa r-regolament 13 ikompli ighid illi:

> " **Dawk in-nies li jġorru fid-dgħajsa tagħhom xi għodod tas-sajd jitqiesu, għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, li huma użaw dawn il-għodod**."

Mhux biss izda mill-provi prodotti u mix-xhieda li nstemgħu quddiem din il-Qorti kif ukoll mid-dokumenti eżebiti, jidher illi l-għodda li kellu l-appellant fl-opra misjuqa minnu kienu indikattivi illi huwa hareg jistad ghat-tonn u mhux ghal xi ħut ieħor. Dan ifisser illi bir-regolament 13 li jistabbilixxi presunzjoni ta' fatt fil-persuna li tinstab fil-pussess ta' dawn il-ghodod u cioe' li kienet qed tuza tali ghodod biex tistad bihom, l-appellant ma jistax jahrab mir-responsabbilta' tieghu skont il-ligi.

Illi skont ix-xiehda ta' Etienne Bugeja u Raymond Caruana, dak li nstab fuq id-dgħajsa ma kienx kompattibbli mas-sajd tal-kubrit, kif jikkontendi l-appellant. Dan imbagħad irid jintrabat mal-fatt li meta l-appellant kien qiegħed barra fuq l-opra in kwistjoni hu kien qed jintenta jistad barra mill-istaġjun, u dan ghaliex fiz-zmien indikat fl-akkuza l-kwota tat-tonn kien intlaħaq.

In oltre jidher li m'hemmx kontestazzjoni illi l-appellant ma kellux liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tas-Sajd kif mitlub fir-regolament 3(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.07. Tant hu hekk illi mill-atti jirrizulta li r-reġistrazzjoni tad-dgħajsa u l-liċenzja ai fini tas-sajd tat-tonn semmai kienu fuq isem Hadrian Gatt b'dan illi xorta waħda

kien hemm il-ħtieġa li l-appellant personalment iġib il-liċenzja fuq ismu. Mhux biss izda fis-subartikolu (c) hemm dispost illi tali licenzja ghandha tinzamm fuq il-bastiment tas-sajd f'kull hin u li tali bastiment ghandu jintuza biss ghal fini indikata f'tali licenjza, haga li l-appellant naqas milli jipprova.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur